Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Ka M.10321 — DSV/Agility)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 262/10)

1. Fit-28 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— DSV Panalpina A/S ("DSV", id-Danimarka),

— Agility Logistics International B.V. (in-Netherlands) u Agility International GIL Holdings I Limited (Emirati Għarab Magħquda) (flimkien imsejħa "GIL"), li jappartjenu għall-Agility Public Warehousing Company K.S.C.P ("Agility", il-Kuwajt).

DSV takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' GIL kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— DSV: tipprovdi u tiġġestixxi soluzzjonijiet tal-katina tal-provvista, inklużi servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija u ta' loġistika b'kuntratti. Il-portafoll tas-servizzi ta' DSV huwa organizzat fi tliet linji negozju: i) Bl-ajru u bil-Baħar, ii) Bit-triq u iii) Soluzzjonijiet (servizzi loġistiċi inklużmagazzinaġġ). DSV hija attiva fl-Ewropa, l-Amerki, l-Asja u l-Paċifiku, il-Lvant Nofsani u l-Afrika,

— GIL: joffru portafoll ta' servizzi loġistiċi inklużi servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija bl-ajru, bil-baħar u bit-triq, loġistika b'kuntratti, b'enfasi fuq swieq emerġenti. Gil hija attiva fl-APAC, fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, fl-Ewropa u fl-Amerki.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10321 — DSV/Agility

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE / BELGIË